

PROCĊDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-
KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.5251 — System Capital Management-Energies/Metinvest)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 245/06)

1. Fis-17 ta' Settembru 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4, u wara referenza l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriżi System Capital Management Limited ("SCM", Ċipru) u Energiees Investments Limited ("Energiees", Ċipru) li t-tnejn jiffurmaw parti mill-Grupp SMART jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill il-kontroll konġunt tal-impriżi Metinvest B.V ("MIBV", L-Olanda) u s-sussidjarji tagħha Makeeva Metallurgical Plant ("MMZ", Ukrajina) u Promet Steel JSC ("Promet", Bulgarija) permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju tal-impriżi msemmija huma:

- għal SCM: produzzjoni ta' metalli u faħam,
- għal Energiees: produzzjoni tal-azzar,
- għal MIBV: haċid mhux maħdum u tħaffir għall-faħam, produzzjoni tal-faħam lest u nofsu lest,
- għal MMZ: produzzjoni u bejgħ ta' materjali tal-azzar mhux maħdum u manifattura ta' prodotti derivati fis-settur tal-azzar,
- għal Promet: produzzjoni ta' prodotti derivati fis-settur tal-azzar.

3. Wara l-ewwel analiżi, il-Kummissjoni tara li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' taħt ir-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħharja dwar dan il-punt hija rriżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnotat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jissottomettu lill-Kummissjoni l-kummenti li jista' jkollhom dwar din l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5251 — System Capital Management-Energies/Metinvest, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussell

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.